IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 20.9.2012
COM(2012) 528 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. INTRODUZZJONI

L-għan ewlieni tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali[1] (minn issa 'l quddiem "ir-Regolament") huwa l-ġbir u l-kompilazzjoni ta' statistika Ewropea dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali.

Dan huwa l-ewwel rapport li l-Kummissjoni hija meħtieġa tippreżenta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill skont ir-Regolament (KE) Nru 862/2007.

B'mod partikolari, l-Artikolu 12 tiegħu jistipula li *"Sal-20 ta' Awwissu 2012 u kull tliet snin wara, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istatistika kompilata skont dan ir-Regolament u l-kwalità tagħha."*

Dan ir-rapport jiddokumenta l-grad ta' progress li jkunu għamlu l-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni (Eurostat), fl-implimentazzjoni tar-Regolament imsemmi hawn fuq.

2. L-ISTATISTIKA KOPERTA B'DAN IR-REGOLAMENT

Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 jikkonċerna l-kompilazzjoni tal-istatistika Ewropea relatata mal-migrazzjoni u mal-protezzjoni internazzjonali (l-asil). L-oqsma ewlenin tal-istatistika rregolati mir-Regolament huma:

- Il-flussi tal-migrazzjoni internazzjonali diżaggregati skont il-grupp taċ-ċittadinanza, grupp tal-pajjiż tat-twelid, grupp tal-pajjiżi tar-residenza preċedenti/li jmiss u skont l-età u s-sess; l-istokkijiet tal-popolazzjoni diżaggregati skont il-grupp taċ-ċittadinanza u l-grupp tal-pajjiż tat-twelid u skont l-età u s-sess, l-akkwist taċ-ċittadinanza skont il-pajjiż taċ-ċittadinanza preċedenti (l-Artikolu 3);
- L-applikazzjonijiet għall-asil, id-deċiżjonijiet tal-ewwel istanza u fuq appell li jagħtu jew jirtiraw forom differenti ta' status ta' protezzjoni internazzjonali, l-applikazzjonijiet għall-asil minn minorenni mhux akkumpanjati, diżaggregati skont iċ-ċittadinanza; u l-istatistika dwar l-operat tal-arranġamenti 'Dublin' għat-trasferiment tal-applikanti għall-asil bejn l-Istati Membri (l-Artikolu 4);
- Ċittadini ta' pajjiż terz li ma tħallewx jidħlu fl-Istat Membru fil-fruntiera esterna, ċittadini ta' pajjiż terz li nstabu preżenti b'mod illegali taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-immigrazzjoni, diżaggregati skont iċ-ċittadinanza (l-Artikolu 5);
- Permessi ta' residenza maħruġa lil ċittadini ta' pajjiż terz, diżaggregati skont iċ-ċittadinanza, it-tul tal-validità tal-permess u skont ir-raġuni (kategorija tal-immigrazzjoni) għalfejn ikun inħareġ il-permess (l-Artikolu 6);

[1] ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23.

- Ċittadini ta' pajjiż terz li ngħataw l-ordni li jħallu t-territorju tal-Istat Membru skont il-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni, u ċittadini ta' pajjiż terz li ġew irreġistrati li se jitilqu wara li tkun inħarġitilhom tali ordni, disaggregati skont iċ-ċittadinanza (l-Artikolu 7).

Bħala parti mill-proċess tal-implimentazzjoni, il-Kummissjoni kompliet tiżviluppa u tmantni koperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali differenti involuti fil-produzzjoni u l-forniment tad-dejta għar-Regolament. L-istatistika dwar il-flussi migratorji u l-istokkijiet tal-popolazzjonijiet huma ġeneralment provvduti lill-Kummissjoni (Eurostat) mill-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika (INI). L-istatistika dwar il-permessi ta' residenza u l-asil huma normalment ipprovduti direttament mill-Ministeri tal-Intern jew mis-servizzi tal-immigrazzjoni. L-istatistika dwar il-kontrolli tal-fruntieri u t-tneħħija ta' migranti mhux awtorizzati tista' wkoll tiġi pprovduta mill-Ministeri tal-Intern jew mis-servizzi tal-immigrazzjoni, jew mill-awtoritajiet tal-pulizija.

Il-karatteristiċi ewlenin ta' din l-istatistika huma pprovduti fit-Tabella 1 hawn taħt.

Tabella 1: Il-karatteristiki ewlenin ta' din l-istatistika.

	Artikolu 3 **Il-flussi migratorji, l-istokkijiet tal-popolazzjonijiet, l-akkwist taċ-ċittadinanza**	**Artikolu 4** **L-asil**	**Artikoli 5 u 7** **L-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni**	**Artikolu 6** **Il-permessi ta' residenza**
Il-kopertura ġeografika	35 pajjiż (31 pajjiż tal-UE/EFTA + ME + HR + MK + TR)	31 pajjiż tal-UE/EFTA	31 pajjiż tal-UE/EFTA	31 pajjiż tal-UE/EFTA
L-ewwel sena ta' ġbir ta' dejta	2008	2008	2008	2008
Il-frekwenza	Annwali	Kull xahar/kull tliet xhur/annwali	Annwali	Annwali
L-iskadenza għat-trasmissjoni tad-dejta	12-il xahar wara tmiem is-sena ta' referenza	Xahrejn wara l-perjodu ta' referenza (PR) għad-dejta ta' kull xahar/kull tliet xhur 3 xhur wara l-PR għad-dejta annwali	3 xhur wara tmiem is-sena ta' referenza	6 xhur wara tmiem is-sena ta' referenza
Il-fornituri tad-dejta	l-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika	Il-Ministeri tal-Intern (jew l-aġenziji tal-immigrazzjoni relatati)	Il-Ministeri tal-Intern, l-Aġenziji tal-Immigrazzjoni jew il-Pulizija tal-Fruntiera.	Il-Ministeri tal-Intern (jew l-Aġenziji tal-Immigrazzjoni relatati)

3. LEĠIŻLAZZJONI IMPLEMENTATTIVA

Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 jistabbilixxi qafas komuni għall-kumpilazzjoni tal-istatistika dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali. Madankollu, sabiex tinħoloq dejta kumparabbli armonizzata bejn l-Istati Membri, din kellha bżonn tiġi kkumplementata b'żewġ miżuri ta' implimentazzjoni assoċjati adottati mill-Kummissjoni:

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 216/2010[2] jiddefinixxi l-kategoriji tar-raġunijiet għall-ħruġ tal-permessi ta' residenza għall-istatistika pprovduta skont l-Artikolu 6 tar-Regolament. Ir-raġunijiet għall-ħruġ tal-permessi jirrigwardaw il-kategoriji tal-immigrazzjoni u s-subkategoriji skont liema ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom permess li jirrisjedu (pereżempju, persuni bil-permess li jirrisjedu għal raġunijiet ta' impjieg, b'subkategorija għal dawk il-permessi mogħtija fi ħdan il-programmi ta' ħaddiema ta' ħila kbira);
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 351/2010[3] jiddefinixxi l-gruppi ta' pajjiż tat-twelid, il-gruppi ta' pajjiż tar-residenza abitwali preċedenti, il-gruppi ta' pajjiż tar-residenza abitwali sussegwenti u l-gruppi ta' ċittadinanza għall-istatistika dwar il-flussi tal-migrazzjoni u l-istokkijiet tal-popolazzjoni pprovduti skont l-Artikolu 3 tar-Regolament.

4. L-ISFOND STORIKU

Ħafna mill-istatistika koperta mir-Regolament kienet inġabret fuq bażi volontarja għal numru ta' snin qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Bl-adozzjoni tar-Regolament, saru bidliet sinifikanti fil-kontenut u d-definizzjonijiet ta' din l-istatistika biex jiġi żgurat li dawn jissodisfaw aktar mill-qrib il-ħtiġijiet evolventi tal-utenti.

Qabel l-implimentazzjoni tar-Regolament, l-istatistika Ewropea tal-migrazzjoni kienet ikkaratterizzata minn nuqqas ta' dejta disponibbli u minn livell baxx ta' armonizzazzjoni. F'ħafna każijiet, l-aggregati bażiċi fil-livell tal-UE ma setgħux jiġu prodotti sew peress li d-dejta nazzjonali komponenti jew ma kinitx disponibbli għal xi Stati Membri jew kienet ġiet ippreparata bl-użu ta' definizzjonijiet statistiċi wisq diversi. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni kienet tfisser li l-analiżi u t-tqabbil tad-dejta ta' Stati Membri differenti ma kinux affidabbli u kienu potenzjalment qarrieqa. Dan kien jimplika li aspett importanti tal-politika pubblika Ewropea ma kellhiex l-istatisika xierqa biex tissustanzja t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza.

Inġibdet l-attenzjoni dwar il-ħtieġa ta' ġbir u analiżi aħjar tal-istatistika dwar il-migrazzjoni u l-asil fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tessaloniki fl-2003. Fl-istess sena, il-Parlament Ewropew innota l-bżonn li jintroduċi leġiżlazzjoni speċifika dwar l-statistika Ewropea sabiex

---

[2] Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 216/2010 tal-15 ta' Marzu 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali, fir-rigward tad-definizzjonijiet ta' kategoriji għar-raġunijiet għall-permessi ta' residenza (ĠU L 66, 16.3.2010, p. 1).

[3] Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 351/2010 tat-23 ta' April 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali rigward id-definizzjonijiet tal-kategoriji tal-gruppi ta' pajjiż tat-twelid, gruppi ta' pajjiż tar-residenza abitwali preċedenti, gruppi ta' pajjiż tar-residenza abitwali sussegwenti u gruppi skont iċ-ċittadinanza (ĠU L 104, 24.4.2010, p. 37).

jiżgura l-produzzjoni ta' statistika komprensiva neċessarja għall-iżvilupp ta' politiki Ewropej dwar il-migrazzjoni ġusti u effikaċi. Din is-sitwazzjoni wasslet għat-tħejjija ta' proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni għal dan ir-Regolament.

5. IL-KWALITÀ TAL-ISTATISTIKA ĠĠENERATA

5.1. Ir-relevanza għall-utenti

Fi ħdan il-Kummissjoni, l-utent ewlieni tal-istatistika dwar il-migrazzjoni u l-asil huwa d-DĠ Affarijiet Interni. Madankollu, din l-istatistika jużawha spiss Direttorati Ġenerali oħrajn, b'mod partikolari, id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni u d-DĠ Ġustizzja.

Wieħed mill-użi importanti tal-istatistika kien bħala parti mill-allokazzjoni annwali tal-envelopp tal-baġit għal kull Stat Membru għall-fondi tas-Solidarjetà u l-Immaniġġjar tal-Flussi Migratorji. Skont il-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi l-Fondi, l-allokazzjoni baġitarja annwali hi bbażata primarjament fuq statistika dwar il-migrazzjoni u statistika marbuta mal-asil miġbura mill-Eurostat. L-istatistika meħtieġa għall-Fondi issa hija kważi kompletament koperta b'dan ir-Regolament. Vantaġġ partikolari ta' dan huwa aktar disponibbiltà ta' metadejta komprensiva għal din l-istatistika, li tippermetti lill-Kummissjoni tiżgura aktar faċilment li l-istatistika użata għall-allokazzjoni hija konformi mal-kunċetti u r-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni għall-Fondi.

L-istatistika tintuża f'diversi pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni, kif ukoll fit-tħejjija ta' rapporti regolari, proposti politiċi u analiżi. Pereżempju, ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil[4] juża din l-istatistika bħala mezz biex jikkwantifika l-progress li sar lejn l-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil tal-2008 u biex jenfasizza r-rakkomandazzjonijiet għal aktar azzjonijiet. B'attenzjoni speċjali fuq l-immigrazzjoni, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2011 dwar il-Migrazzjoni[5] tieħu ħafna minn din l-istatistika, kemm fi ħdan it-test kif ukoll f'Annessi statistiċi separati. Bl-istess mod, fil-qasam tal-asil, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar solidarjetà mtejba fl-UE[6] tippreżenta statistika dettaljata dwar l-asil u forom oħrajn ta' protezzjoni internazzjonali pprovduti u ppubblikati mill-Eurostat. L-istatistika dwar il-migrazzjoni tal-Eurostat hija importanti wkoll għal pubblikazzjonijiet bħar-Rapport Demografiku tal-Kummissjoni Ewropea[7] u għal rapporti dwar is-sitwazzjoni soċjo-ekonomika tal-migranti fl-Ewropa[8].

---

4 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Rapport Annwali dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil (COM (2011) 291 finali) http://ec.europa.eu/home-affairs/news/intro/docs/110524/291/1_EN_ACT_part1_v8.pdf

5 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Komunikazzjoni dwar il-Migrazzjoni (COM (2011) 248 finali) http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2011:0248:FIN:MT:PDF

6 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Komunikazzjoni dwar solidarjetà mtejba fl-UE fil-qasam tal-asil (COM (2011) 835 finali) http://ec.europa.eu/homeaffairs/news/intro/docs/201112/1_EN_ACT_part1_v6.pdf

7 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Rapport Demografiku 2010 - Older, more numerous and diverse Europeans http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/product_details/publication?p_product_code=KE-ET-10-001

8 Migrants in Europe: a statistical portrait of the first and second generation

L-istatistika dwar il-migrazzjoni u l-asil tintuża wkoll min-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (NEM)[9] bħala bażi għar-rapporti statistiċi u analitiċi fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE li n-Netwerk ifassal kull sena. L-istatistika tipprovdi wkoll input għall-istudji tal-EMN u rapporti li jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi ta' importanza politika attwali.

Użu ieħor fil-livell Ewropew ta' din l-istatistika kien u għadu biex jingħata appoġġ għall-ħidma tal-aġenziji tal-Unjoni Ewropea marbuta mal-migrazzjoni bħall-Aġenzija tal-Fruntieri Esterni (FRONTEX) u, aktar reċentement, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO).

L-istatistika miġbura skont ir-Regolament tintuża ħafna f'pubblikazzjonijiet uffiċjali u jużawha firxa wiesgħa ta' utenti. Minbarra l-pubblikazzjoni fuq il-websajt tal-Eurostat u l-bażi ta' dejta ta' disseminazzjoni onlajn, hemm pubblikazzjonijiet regolari trimestrali u annwali tal-Eurostat li jipprovdu statistika aġġornata u kummentarju statistiku. L-istatistika prodotta skont dan ir-Regolament tintuża b'mod regolari minn amministrazzjonijiet nazzjonali, riċerkaturi akkademiċi u tal-gruppi tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq firxa wiesgħa ta' suġġetti inklużi l-integrazzjoni tal-immigranti, l-iżvilupp u l-monitoraġġ ta' proċeduri tal-asil u l-immigrazzjoni nazzjonali, u l-projezzjoni tal-popolazzjoni u tal-forza tax-xogħol fil-ġejjieni.

Ċerti bżonnijiet statistiċi marbuta mal-migrazzjoni u l-asil li mhumiex sodisfatti b'mod sħiħ mill-istatistika miġbura skont ir-Regolament huma koperti minn "Ftehimiet Informali " kontinwi mal-fornituri ta' dejta nazzjonali. Pereżempju, dan l-arranġament japplika għal statistika dwar Applikazzjonijiet *Ġodda* għall-Asil (għall-kuntrarju tal-Applikazzjonijiet *Totali*).

Din il-prattika tista' tkompli tiġi applikata fil-ġejjieni biex tgħin biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ġodda għall-istatistika li jistgħu jinqalgħu fil-kuntest ta' leġiżlazzjoni ġdida, u sakemm tali leġislazzjoni tkun fis-seħħ, pereżempju għal dawk li jfittxu l-asil u persuni li jgawdu minn protezzjoni internazzjonali, ħaddiema staġjonali, trasferimenti tan-negozju bejn il-kumpaniji, studenti u riċerkaturi, kif ukoll għal kategoriji ta' dejta mhux koperti mil-leġiżlazzjoni tal-UE iżda li huma neċessarji għall-iżvilupp ta' politiki migratorji tal-UE.

In-nuqqasijiet li jikkonċernaw id-dejta statistika limitata dwar minorenni mhux akkumpanjati kienu indirizzati fil-kuntest tar-reviżjoni tal-Linji Gwida għall-ġbir tad-dejta skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar l-Istatistika tal-Migrazzjoni. Il-Linji Gwida riveduti, li ġew iffinalizzati fil-11 ta' Jannar 2011, jippermettu lill-Eurostat jiġbor id-dejta dwar minorenni mhux akkumpanjati apparti dawk li japplikaw għall-asil.

Indikatur tar-relevanza tad-dejta dwar il-migrazzjoni għall-utenti tal-Eurostat huwa l-għadd ta' dejta jew pubblikazzjonijiet li tniżżlu mis-sit elettroniku tal-Eurostat sal-2011.

Iċ-ċifri ppreżentati fit-tabella 2 jenfasizzaw li l-ġabra ta' dejta dwar il-migrazzjoni (segwit minn dak tal-asil) hija l-aktar dejta li tiġi aċċessata. Dawn juru żieda mill-2010 sal-2011 fid-dejta aċċessata mill-utenti.

---

http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/product_details/publication?p_product_code=KS-31-10-539

9 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE tal-14 ta' Mejju 2008 li tistabbilixxi Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (ĠU L 131, 21.5.2008, p. 7).

Tabella 2: L-għadd ta' aċċessi għall-pubblikazzjonijiet u s-settijiet tad-dejta Eurostat permezz tal-websajt tal-Ewrostat, 2010 u 2011

Il-ġabriet ta' dejta	Artikolu 3 L-istokkijiet tal-popolazzjoni tal-migrazzjoni, l-akkwist taċ-ċittadinanza	Artikolu 4 L-asil	Artikoli 5 u 7 L-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni	Artikolu 6 Il-permessi ta' residenza	TOTAL
2010	26753	12452	3518	4709	**47432**
2011 (Jannar sa Ottubru)	48917	10862	3881	3862	**67522**

5.2. L-eżattezza tad-dejta mibgħuta lill-Eurostat

Il-miżuri diretti tal-eżattezza u l-affidabbiltà tal-istatistika miġbura skont ir-Regolament mhumiex ċari. Ċerti indikazzjonijiet tal-affidabbiltà tad-dejta b’rabta mal-konformità mad-definizzjonijiet jistgħu jissejsu fuq il-komparabbiltà u l-koerenza tad-dejta kif meqjus f'5.5 hawn taħt.

L-eżattezza tad-dejta miġbura skont l-Artikoli 4-7 tar-Regolament (u f’ħafna Stati Membri skont l-Artikolu 3) jiddependu fuq l-eżattezza u l-effiċjenza ta' sistemi amministrattivi sottostanti. L-iżvilupp mill-ġdid mifrux ta’ sistemi amministrattivi marbuta mal-kontrolli tal-asil u tal-immigrazzjoni, kif ukoll mar-reġistrazzjoni tal-popolazzjoni, għalhekk kellu impatt pożitiv qawwi fuq il-preċiżjoni tad-dejta statistika. Bosta Stati Membri introduċew sistemi amministrattivi aktar integrati u komprensivi li jużaw metodi moderni tal-informatika u l-komunikazzjoni. Pereżempju, l-attivitajiet ta' kontroll fil-fruntieri huma, fin-natura tagħhom, ġeografikament mifruxa u ħafna drabi jitwettqu minn għadd ta' awtoritajiet diversi. L-integrazzjoni ta’ sistemi amministrattivi naqqset ir-riskju li l-azzjonijiet (bħal deċiżjoni li tirrifjuta d-dħul f'post remot ta' qsim tal-fruntiera) ma jingħaddux korrettament u ma jiġux inklużi fid-dejta globali fil-livell nazzjonali. Sistemi iktar sofistikati wkoll naqqsu r-riskju li jkun hemm għadd żejjed, pereżempju billi jgħinu jidentifikaw fejn persuna kienet diġà għamlet applikazzjoni għall-asil (u għalhekk ma għandhomx jiġu magħduda mill-ġdid bħala applikanti ġodda għall-asil). Bl-istess mod, l-iżvilupp mill-ġdid ta' sistemi ta' reġistrazzjoni tal-popolazzjoni għen biex jiżgura li l-informazzjoni dwar il-persuni (li ħafna drabi jipprovdu l-informazzjoni f'uffiċċju lokali jew reġjonali) se tkun inkluża b’mod korrett u malajr fid-dejta ta' livell nazzjonali. Li r-rekords jiġu kkollegati f'sistemi fil-livell lokali f’xi każijiet serva wkoll ta' mezz biex l-emigrazzjoni tingħadd aħjar.

L-Istati Membri żammew lill-EUROSTAT infurmat bil-bidliet li għaddejjin fis-sistemi amministrattivi u fittxew il-parir u l-konferma li d-dejta tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Xorta waħda għadhom jinqalgħu problemi ta' dejta nieqsa u dejta mhux kompluta. Dawn il-problemi jistgħu jvarjaw minn nuqqas totali ta' forniment ta' kwalunkwe dejta koperta minn artikolu tar-Regolament, fl-agħar każijiet, għal nuqqas ta' disponibbiltà ta' tabella speċifika jew ta' diżaggregazzjoni. Fejn ikun hemm nuqqas ta' diżaggregazzjonijiet, dan sikwit isir għaliex ċerta informazzjoni ma tkunx ġiet irreġistrata fis-sistemi amministrattivi li spiss jintużaw bħala sorsi ta' dejta. Dan seħħ, pereżempju, fin-nuqqas ta' disponibbiltà (jew disponibbiltà limitata) f'xi Stati Membri fir-rigward tal-informazzjoni dwar l-età u s-sess meħuda minn reġistri amministrattivi marbuta ma' każijiet tal-immigrazzjoni u tal-asil . Għadd ta' awtoritajiet nazzjonali introduċew proċeduri mtejba biex jiżguraw li l-informazzjoni neċessarja tinġabar bħala parti mill-proċess amministrattiv dwar l-immigrazzjoni u sistemi kkomputerizzati mtejbin biex jippermettu li din l-informazzjoni tkun aċċessata faċilment sabiex tkun inkluża fid-dejta statistika.

Il-Kummissjoni nediet miżuri ta' segwitu għan-nonkonformità bi tweġiba għall-aktar każijiet serji ta' dejta nieqsa jew mhux kompluta – fejn, pereżempju, ma tkun ingħatat l-ebda dejta minn xi pajjiż bħala reazzjoni għall-ġbir ta'dejta.

L-azzjonijiet li twettqu wrew li maġġoranza kbira tal-Istati Membri jagħmlu sforz serju biex jikkonformaw. Barra minn hekk, f'diversi każijiet, setgħet tinstab soluzzjoni għad-diffikultajiet grazzi għal kollaborazzjoni reċiproka bejn l-awtoritajiet nazzjonali u s-servizzi tal-Kummissjoni.

It-Tabella 3 tenfasizza li l-kompletezza tad-dejta hija prinċipalment diffikultà f'dak li jirrigwarda l-informazzjoni dwar il-permessi ta' residenza.

Tabella 3: Ħarsa ġenerali lejn il-kompletezza tad-dejta għal kull qasam (dejta tal-2011)

Artikolu 3 **L-istokkijiet tal-popolazzjonit tal-migrazzjoni, l-akkwist taċ-ċittadinanza**	**Artikolu 4** **L-asil**	**Artikoli 5 u 7** **L-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni**	**Artikolu 6** **Il-permessi ta' residenza**
- Dejta kompluta għal 26 pajjiż - Dejta mhux kompluta għal 3 pajjiżi - L-ebda dejta għal 2 pajjiżi	- Dejta kompluta għal 24 pajjiż - Dejta mhux kompluta għal 6 pajjiżi - L-ebda dejta għal pajjiż 1	- Dejta kompluta għal 26 pajjiż - Dejta mhux kompluta għal 4 pajjiżi - L-ebda dejta għal pajjiż 1	- Dejta kompluta għal 22 pajjiż - Dejta mhux kompluta għal 5 pajjiżi - L-ebda dejta għal 4 pajjiżi

5.3. Il-puntwalità

Skont it-tip ta' dejta kkonċernata, id-dejta koperta b'dan ir-Regolament jeħtieġ li tingħata bejn xahrejn u 12-il xahar wara tmiem il-perjodu ta' referenza.

Partikolarment fl-ewwel snin ta' referenza tar-Regolament, għadd ta' Stati Membri ltaqgħu ma' diffikultajiet serji biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-puntwalità. Dawn il-problemi ġew megħluba fil-biċċa l-kbira permezz tal-introduzzjoni ta' metodi u proċeduri statistiċi ġodda fuq livell nazzjonali. Xi kwistjonijiet ta' puntwalità huma każijiet iżolati, u mhumiex rikorrenti; pereżempju, minħabba l-bidliet fil-persunal jew it-tfixkil ikkawżat minħabba bidliet fis-sistemi tal-kompjuter. Xorta waħda jibqgħu xi kwistjonijiet aktar sistematiċi ta' puntwalità fi Stati Membri partikolari u prinċipalment fil-ġbir ta' dejta għall-Infurzar tal-Leġiżlazzjoni tal-Immigrazzjoni u għall-Permessi ta' Residenza, iżda għaddej ix-xogħol sabiex dawn jiġu solvuti.

Tabella 4: Ħarsa ġenerali lejn l-għadd ta' pajjiżi li mhux jipprovdu informazzjoni f'waqtha għal kull qasam

Artikolu 3 L-istokkijiet tal-popolazzjoni tal-migrazzjoni, l-akkwist taċ-ċittadinanza	**Artikolu 4 L-asil**	**L-Artikoli 5 u 7 L-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni**		**Artikolu 6 Il-permessi ta' residenza**
		Artikolu 5	**Artikolu 7**	
1 minn 29 (l-ebda dejta pprovduta minn 2 pajjiżi)	2 minn 30 (l-ebda dejta pprovduta minn pajjiż 1)	16 minn 30 (dewmien ta' bejn jum u 365 jum) (l-ebda dejta pprovduta minn pajjiż 1)	15 minn 31 (dewmien ta' bejn jum u 29 jum) (l-ebda dejta pprovduta minn 2 pajjiżi)	9 minn 27 (dewmien ta' bejn jum u 35 jum) (l-ebda dejta pprovduta minn 4 pajjiżi)

5.4. L-aċċessibbiltà tad-dejta maħruġa

Id-dejta dwar il-migrazzjoni (u l-metadejta) għall-erba' oqsma kollha hija disponibbli mingħajr ħlas fuq il-websajt tal-Eurostat taħt it-tema *'Population and social conditions'*. Id-dejta hija inkluża f'pubblikazzjonijiet tal-kompendju bħall-Eurostat Yearbook[10], kif ukoll f'pubblikazzjonijiet dettaljati ffukati fuq temi speċifiċi marbuta mal-migrazzjoni[11]. L-artikolu

10 http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/product_details/publication?p_product_code=KS-CD-11-001

11 Pereżempju, ara l-pubblikazzjonijiet Eurostat Statistics in Focus bħal Asylum applicants and first instance decisions on asylum applications: second quarter 2011 – Numru tal-ħarġa 11/2012 http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/product_details/publication?p_product_code=KS-SF-12-011 jew Immigration to EU Member States down by 6 % and emigration up by 13 % in 2008 – Numru tal-ħarġa 1/2011

"Statistics explained" *Migration and migrant population statistics*[12] fuq il-websajt tal-Eurostat ilu żmien li konsistentement qiegħed fost l-għaxar artikoli li nqraw l-aktar.

Il-forniment aktar komplut u aktar fil-ħin ta' dejta skont ir-Regolament għen lill-Eurostat biex itejjeb il-puntwalità tal-ipproċessar u d-disseminazzjoni tad-dejta tiegħu. Id-dewmien bejn id-dejta li tasal għand l-Eurostat u d-dejta vvalidata li tiġi ppubblikata fuq il-bażi ta' dejta tal-Eurostat tad-disseminazzjoni pubblika naqas b'mod sinifikanti peress li ġie implimentat ir-Regolament. Pereżempju, id-dejta ta' kull xahar dwar l-applikazzjonijiet għall-asil issa qegħdin jinħarġu fi żmien 4 ijiem jew inqas.

L-istatistika hija ppubblikata wkoll fil-livell nazzjonali.

5.5. Il-komparabbiltà u l-koerenza

5.5.1. Definizzjonijiet

Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà fl-istatistika prodotta, ir-Regolament jistabbilixxi definizzjonijiet armonizzati li għandhom jiġu applikati għad-dejta pprovduta lill-Kummissjoni (Eurostat). Dawn id-definizzjonijiet huma bbażati fuq rakkomandazzjonijiet statistiċi tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll fuq il-leġiżlazzjoni Ewropea eżistenti marbuta mal-asil, mal-permessi ta' residenza u mal-kontrolli tal-fruntiera esterna.

Ir-Regolament ta l-permess lill-awtoritajiet nazzjonali li japplikaw definizzjonijiet nazzjonali eżistenti għad-dejta pprovduta għall-ewwel sena tal-operat tar-Regolament (dejta li tikkonċerna l-2008). Dan sar sabiex l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom aktar żmien biex jagħmlu l-bidliet meħtieġa fil-proċeduri sabiex ikunu konformi mad-definizzjonijiet armonizzati.

Peress li l-awtoritajiet nazzjonali implimentaw il-bidliet fid-definizzjonijiet statistiċi, kien hemm telf fuq terminu qasir ta' żmien ta' komparabbiltà bejn id-dejta għal snin differenti, li rriżulta fi qtugħ fis-serje taż-żmien tal-istatistika. Madankollu, fit-terminu medju u twil ta' żmien, il-komparabbiltà se tittejjeb ferm bl-użu ta' definizzjonijiet armonizzati fissi.

L-applikazzjoni ta' definizzjonijiet armonizzati, u l-aġġustament ta' dejta minn sorsi nazzjonali sabiex dawn jilħqu dawn id-definizzjonijiet, jistgħu jkunu kumplessi. Spiss id-definizzjonijiet nazzjonali jikkorrispondu mal-prattiki u r-regoli amministrattivi.

Il-problemi marbuta mad-definizzjonijiet kienu l-aktar problemi diffiċili biex jiġu indirizzati bl-istatistika tal-fluss tal-migrazzjoni u l-istokk tal-popolazzjoni koperti mill-Artikolu 3 tar-Regolament. Huwa hawnhekk li jseħħu l-akbar differenzi bejn is-sistemi nazzjonali f'termini ta' sorsi ta' dejta li ġew użati. Għal xi ftit pajjiżi, kien diffiċli anke li jiġu identifikati sorsi xierqa ta' dejta għal din id-dejta. Seba' pajjiżi ma kinux fil-pożizzjoni li jużaw il-kriterji taż-żmien ta' 12-il xahar għad-definizzjoni tal-flussi tal-emigrazzjoni/immigrazzjoni, pereżempju, minħabba li d-definizzjoni nazzjonali tal-istatistika tal-migrazzjoni (għall-kuntrarju ta' żjara) kienet ibbażata fuq kriterji ta' tliet xhur (migrant għandu bżonn permess ta' residenza għal żjara ta' aktar minn tliet xhur).

Għall-Artikoli 5 u 7 dwar l-Infurzar tal-Leġiżlazzjoni dwar l-Immigrazzjoni, 11-il pajjiż iddevjaw potenzjalment mid-definizzjoni standard għaliex dawn ma kinux kapaċi jikkonferamw li l-

---

12 http://epp.eurostat.ec.europa.eu/statistics_explained/index.php/Migration_and_migrant_population_statistics

istatistika tgħodd il-persuni minflok id-deċiżjonijiet amministrattivi jew/u li l-persuni kienu magħdudin biss darba fl-istess kategorija fiż-żmien tas-sena ta’ referenza.

5.5.2. Is-sorsi tad-dejta

Il-komparabbiltà bejn il-pajjiżi hija mfixkla mill-fatt li l-Istati Membri jvarjaw ħafna f'termini ta' sorsi tad-dejta użati fil-produzzjoni ta' statistika dwar il-migrazzjoni u r-residenza kemm taċ-ċittadini tal-UE kif ukoll taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Ir-Regolament jippermetti lill-Istati Membri li jibbażaw id-dejta statistika pprovduta fuq kwalunkwe sors ta' dejta skont id-disponibbiltà u l-prassi nazzjonali. L-istatistika miġbura skont ir-Regolament hija bbażata fuq dejta meħuda minn stħarriġiet tal-fruntieri u domestiċi, ir-reġistri tal-popolazzjoni u r-rekords amministrattivi marbuta mal-kontrolli tal-fruntiera, mal-proċeduri tal-asil u mal-għoti ta' permessi ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri.

Fil-prattika, dawn id-differenzi fis-sorsi tad-dejta jolqtu biss l-istatistika annwali dwar il-flussi migratorji u l-istokkijiet tal-popolazzjoni pprovduti skont l-Artikolu 3 tar-Regolament. Kif wieħed jista' jara fit-Tabella 5 hawn taħt, l-istatistika pprovduta skont l-artikoli l-oħra tar-Regolament hija kollha bbażati fuq sorsi amministrattivi tad-dejta. Iż-żieda fl-armonizzazzjoni fil-ġestjoni tas-sistemi tal-immigrazzjoni u tal-asil fl-UE (pereżempju, permezz tal-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil) għenet biex jiġi żgurat li dawn is-sorsi amministrattivi u d-dejta statistika li tirriżulta jkunu ferm komparabbli.

L-Artikolu 9(1) tar-Regolament jippermetti wkoll l-użu ta' "metodi ta' stima statistika b'bażi xjentifika u dokumentati sew" bħala parti mill-proċess tal-produzzjoni statistika. Tali stimi jistgħu jsiru fejn ma tkunx disponibbli dejta osservata direttament jew, pereżempju, fejn id-dejta minn sorsi nazzjonali disponibbli trid titranġa biex tissodisfa d-definizzjonijiet meħtieġa. F'numru ta' pajjiżi, l-istimi statistiċi ilhom ħafna jintużaw bħala parti mill-proċess tal-produzzjoni ta' statistika uffiċjali dwar il-migrazzjoni, partikolarment fejn jintużaw b'mod predominanti s-sorsi tad-dejta tal-istħarriġ. L-intenzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija li jiġi żgurat li, fejn l-awtoritajiet nazzjonali komplew jużaw l-istimi, il-proċeduri użati fl-istima għandhom ikunu trasparenti u dokumentati b’mod ċar. Ġeneralment, l-istimi jintużaw biss fit-tħejjija tal-istatistika miġbura skont l-Artikolu 3 tar-Regolament.

Tabella 5: Ħarsa ġenerali lejn is-sorsi tad-dejta

Artikolu 3 **Il-migrazzjoni**	**Artikolu 4** **L-asil**	**Artikoli 5 u 7** **EIL (l-Infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar l-Immigrazzjoni)**	**Artikolu 6** **Il-permessi ta' residenza**
Ir-reġistru tal-popolazzjoni; Ir-reġistru/il-bażi ta' dejta tal-barranin; Ir-reġistru/il-bażi ta' dejta tal-permess ta' residenza; Ir-reġistru/il-bażi ta' dejta tal-permess tax-xogħol; Stħarriġ tal-kampjun fil-fruntiera; ċensiment; stħarriġ tal-kampjun tal-unitajiet domestiċi; il-metodu ta' stima; oħrajn	Sorsi amministrattivi;	Sorsi amministrattivi;	Sorsi amministrattivi;

5.5.3. Il-koerenza

Fejn huwa possibbli li tipparaguna, ir-riżultati jindikaw grad għoli ta' koerenza mad-dejta miġbura u ppubblikata f'eżerċizzji oħra u minn awtoritajiet oħra. Kull differenza bejn id-dejta pprovduta lill-Eurostat u l-istatistika ppubblikata mill-awtoritajiet nazzjonali tista' tiġi spjegata mid-differenzi fid-definizzjoni fejn, pereżempju, l-Istati Membri għażlu li jżommu d-definizzjonijiet eżistenti tal-istatistika ppubblikata nazzjonalment. L-istatistika dwar l-istokk tal-popolazzjoni residenti miġbura skont l-Artikolu 3 tar-Regolament hija koerenti mal-istatistika dwar l-istokk tal-popolazzjoni miġbura separatament mill-Eurostat bħala parti mill-politika dwar l-istatistika demografika. Għall-istatistika dwar l-asil (l-Artikolu 4) u filwaqt li jitqiesu d-differenzi speċifiċi fid-definizzjoni, id-dejta taqbel mill-qrib ma' dejta komparabbli ppubblikata mid-dipartiment tal-istatistika tal-Kummissarju Għoli għar-Refuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti.

5.6. Aktar passi biex tittejjeb il-kwalità

Minbarra d-dejta meħtieġa skont ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jipprovdu metadejta ddettaljata fejn jispjegaw, fost aspetti oħra, is-sorsi tad-dejta u l-proċeduri, kull stima jew proċess tal-immudellar li jkunu applikati għad-dejta, u l-effetti possibbli ta' dawn fuq il-grad ta' konformità mad-definizzjonijiet fir-Regolament. L-Istati Membri kkonformaw sew ma' dan ir-rekwiżit biex jipprovdu metadejta ddettaljata.

L-Artikolu 10(2) tar-Regolament jippermetti l-introduzzjoni ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni "li jistabbilixxi r-regoli dwar l-istandards tal-preċiżjoni u tal-kwalità". Madankollu, minħabba li l-metodi użati mill-Istati Membri għall-produzzjoni ta' statistika koperti mir-Regolament għadhom qed jevolvu, u minħabba li l-livelli ta' kwalità u preċiżjoni għadhom qed jitjiebu, ikun prematur li f'dan l-istadju l-Kummissjoni tifformula proposta għal tali regolament ta' implimentazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni qed tippjana li tipproċedi permezz ta' ftehim informali, bl-applikazzjoni ta' standards u testijiet speċifiċi li fuqhom hemm qbil li għandhom jintużaw għall-perjodu 2013-2015 fil-valutazzjoni dwar jekk id-dejta hijiex ta' kwalità tajba biżżejjed għall-pubblikazzjoni. Dan l-approċċ huwa maħsub biex jiżgura li regolament ta'

implimentazzjoni sussegwenti jkun kemm realistiku kif ukoll fattibbli, u jkun japplika l-ogħla standards ta' kwalità. Ir-rakkomandazzjonijiet għall-kontenut u l-ambitu ta' regolament ta' implimentazzjoni dwar standards ta' kwalità u ta' preċiżjoni se jiffurmaw parti mir-rapport li jmiss lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat tar-Regolament (mistenni f'Awwissu 2015). Ir-rapporti mill-Istati Membri dwar il-kwalità tad-dejta ppreżentata (kif meħtieġ skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament dwar l-Istatistika Ewropea (Regolament (KE) 223/2009)) se jipprovdu aktar informazzjoni għat-tħejjija ta' regolament ta' implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni ffurmat task force magħmul minn esperti fl-istatistika dwar il-migrazzjoni minn sitt Istituti Nazzjonali tal-Istatistika biex jgħinha fit-tħejjija ta' standards speċifiċi ta' kwalità li għandhom ikunu applikati għad-dejta minn ġabriet ta' dejta differenti koperti b'dan ir-Regolament.

6. L-ISPEJJEŻ U L-PIŻ LI ĠĠIB MAGĦHA L-ISTATISTIKA DWAR IL-MIGRAZZJONI

It-tipi ta' statistika meħtieġa skont ir-Regolament huma meħtieġa wkoll għal finijiet nazzjonali, bħal pereżempju fil-ġestjoni tas-sistema nazzjonali għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-asil jew għall-monitoraġġ tal-politiki tal-kontroll tal-fruntiera. Kważi fil-każijiet kollha, id-dejta użata fil-produzzjoni tal-istatistika huma bbażati fuq sistemi statistiċi u amministrattivi eżistenti. L-iskariġġ speċifiku li jġib miegħu r-Regolament għall-awtoritajiet nazzjonali huwa għalhekk marbut mal-ħtieġa li jiġu ppreparati diżaggregazzjonijiet jew tabelli partikolari li kieku ma kinux jiġu prodotti, u mal-ħtieġa li japplikaw definizzjonijiet u kunċetti statistiċi armonizzati. Għal xi awtoritajiet nazzjonali, dan irriżulta fi spejjeż ta' darba assoċjati mal-adattamenti neċessarji għall-metodi, il-proċeduri u s-sistemi.

L-estent tal-iskariġġ addizzjonali kien ivarja bejn l-Istati Membri skont il-grad ta' similarità bejn is-sistemi nazzjonali eżistenti għal statistika dwar il-migrazzjoni u r-rekwiżiti inklużi fir-Regolament. Madankollu, f'bosta Stati Membri u għal biċċa l-kbira tal-istatistika koperta mir-Regolament, l-ispejjeż u l-iskariġġ addizzjonali qegħdin jitqiesu bħala relattivament limitati u li huma proporzjonati għall-benefiċċji miksuba kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali issa li hemm statistika dwar il-migrazzjoni li hija aktar kompluta u armonizzata.

7. IL-MONITORAĠĠ TAL-KONFORMITÀ

L-implimentazzjoni tar-Regolament irriżultat f'żidiet fil-kompletezza u fil-livell tal-armonizzazzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali. Madankollu, minkejja dan it-titjib, hemm bżonn ta' aktar xogħol fuq xi partijiet tal-istatistika miġbura u f'xi Stati Membri. Ir-Regolament ikopri erba' ġabriet ewlenin ta' dejta li kull waħda minnhom fiha diffikultajiet metodoloġiċi speċifiċi . Id-diskussjonijiet mal-fornituri tad-dejta nazzjonali matul il-preparazzjoni tar-Regolament urew li l-proċess ta' implimentazzjoni jeħtieġ li jitwettaq b'mod iterattiv, b'titjib kontinwu tul għadd ta' snin. Madankollu, għandhom isiru sforzi kontinwi biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni ssir bis-sħiħ u li l-problemi li jifdal ta' nuqqas ta' konformità mar-Regolament jingħelbu.

8. IL-KONKLUŻJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 irriżulta f'titjib ferm kbir fl-istatistika Ewropea dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali. Id-dejta li l-awtoritajiet nazzjonali pprovdew lill-Kummissjoni hija aktar kompluta u, fil-maġġoranza tal-każijiet, issa hija bbażata fuq definizzjonijiet statistiċi komparabbli. Kien hemm żieda korrispondenti fl-użu ta' din l-istatistika minn korpi uffiċjali fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali, minn korpi nongovernattivi u miċ-ċittadini.

Minħabba l-firxa wiesgħa ta' statistika miġbura skont ir-Regolament, u l-kumplessitajiet kunċettwali u metodoloġiċi tas-suġġetti statistiċi koperti, kien mistenni li l-proċess ta' implimentazzjoni jieħu ż-żmien u jippreżenta għadd ta' diffikultajiet. Ħafna mill-problemi identifikati kmieni fl-implimentazzjoni tar-Regolament ġew solvuti. Madankollu, għad hemm dgħufijiet sinifikanti fid-dejta pprovduta minn xi Stati Membri, l-aktar f'termini ta' nuqqas ta' disponibbiltà ta' ċerta statistika ewlenija, fl-għoti tal-informazzjoni fil-ħin għal xi oqsma, u fl-applikazzjoni żbaljata tad-definizzjonijiet statistiċi armonizzati.

Id-dejta meħtieġa skont ir-Regolament għandha tirrifletti l-ħtiġijiet evolventi tal-utenti, filwaqt li titqies il-kapaċità tal-fornituri tad-dejta. Dan jista' jwassal għal emendi tar-Regolament fil-ġejjieni sabiex jiġu miżjuda kategoriji ġodda ta' dejta jew diżaggregazzjonijiet speċifiċi u/jew biex jiġu eliminati rekwiżiti tad-dejta kull meta dawn ikunu meqjusa inqas utli.

Għandu jkun hemm sforzi mġedda u koordinati biex jingħelbu l-problemi li jifdal fir-rigward ta' din l-istatistika. Dan se jirrikjedi komunikazzjoni u kooperazzjoni kontinwa bejn l-awtoritajiet rilevanti nazzjonali u l-Kummissjoni.